

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: D.P.

fil-preżenza ta': Prokuratura Rejonowa Łódź-Bałuty

Dispożittiv

L-Artikolu 20(3) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-awtorità tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni li tirrifjuta li teżegwixxi deċiżjoni, fis-sens tal-Artikolu 1(a) ta' din id-deċiżjoni kwadru, li timponi sanzjoni pekunjarja għal reat tat-traffiku, meta din id-deċiżjoni tkun ġiet innotifikata lid-destinatarju tagħha mingħajr ma tkun akkumpanjata bit-traduzzjoni, f'lingwa li jifhem, tal-elementi tad-deċiżjoni li huma essenzjali sabiex dan ikun jista' jifhem dak li huwa invokat kontrihi u jeżerċita d-drittijiet tad-difiża tiegħu b'mod sħiħ, u mingħajr ma dan ikun ingħata l-possibbiltà li jikseb tali traduzzjoni fuq talba tiegħu.

(¹) ĠU C 19, 18.01.2021.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-6 ta' Ottubru 2021 – Danilo Poggiolini vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża C-408/20 P) (¹)

(Appell – Dritt istituzzjonali – Status uniku ta' deputat Ewropew – Deputati Ewropej eletti f'kostitwenzi Taljani – Bidla tad-drittijiet tal-pensjoni – Att li jikkawża preġudizzju – Pożizzjoni provviżorja – Effetti legali awtonomi)

(2021/C 490/11)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellant: Danilo Poggiolini (rappreżentanti: F. Sorrentino, A. Sandulli u B. Cimino, avvocati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: S. Alves u S. Seyr, aġenti)

Dispożittiv

- 1) Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-3 ta' Lulju 2020, Falqui u Poggiolini vs Il-Parlament (T-347/19 u T-348/19, mhux ippubblikat, EU:T:2020:303), huwa annullat sa fejn dan ċaħad it-talbiet ippreżentati minn Danilo Poggiolini fil-Kawża T-348/19 intiżi għall-annullament tan-nota tal-11 ta' April 2019 stabbilita mill-Kap tad-Diviżjoni "Remunerazzjoni u drittijiet soċjali tad-deputati" tad-Direttorat Ġenerali tal-Finanzi tal-Parlament Ewropew u li jikkonċernaw l-aġġustament tal-ammont tal-pensjonijiet li huwa jibbenefika minnhom wara d-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 2019, tad-Deċiżjoni Nru 14/2018 tal-Ufficio di Presidenza della Camera dei deputati (l-Uffiċċju tal-Prezidenza tal-Kamra tad-Deputati, l-Italja) u tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew espressa fl-ittra tat-8 ta' Lulju 2019.
- 2) L-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Parlament Ewropew quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża T-348/19 hija miċħuda.
- 3) Il-Kawża T-348/19 hija rrinvijata lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex hija tiddeċiedi fuq it-talbiet ippreżentati minn Danilo Poggiolini fil-Kawża T-348/19 intiżi għall-annullament ta' din in-nota u ta' din id-deċiżjoni.
- 4) L-ispejjeż huma rriżervati.

(¹) ĠU C 359, 26.10.2020.